



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.3.2018
COM(2018) 141 final

2018/0067 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni
Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Unjoni Ewropea (l-UE) u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-Istati Uniti) ilhom sħab strateġiċi fil-qasam tar-riċerka sa mill-1998. L-ewwel “Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka”¹ (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”), li kien Ftehim bilaterali, ġie ffirmat fil-5 ta’ Diċembru 1997 f’Washington DC u daħal fis-seħħ fl-14 ta’ Ottubru 1998. Minn dak iż-żmien ’l hawn, il-Ftehim ġie estiż tliet darbiet, jiġifieri fl-2003², fl-2008³ u fl-2013⁴, għal perjodu addizzjonali ta’ ħames snin kull darba. It-tieni estensjoni tiegħu kienet tinkludi wkoll emenda, li kienet iż-żieda tar-riċerka dwar is-sigurtà u dwar l-isparzju fil-lista tas-setturi għall-attivitajiet ta’ kooperazzjoni (jiġifieri emenda tal-Artikolu 4).

L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim iġid hekk: “Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu inizjali ta’ ħames snin. Suġġett għar-reviżjoni mill-Partijiet fl-aħħar sena ta’ kull perjodu suċċessiv, il-Ftehim jista’ jiġi estiż, b’emendi possibbli, wara dan għal perjodi addizzjonali ta’ ħames snin bi ftehim komuni bil-miktub bejn il-Partijiet.”.

Il-Ftehim attwali jiskadi fl-14 ta’ Ottubru 2018.

Is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw kif il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti qed tevolvi u kif din tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali. Din il-valutazzjoni turi biċ-ċar li l-Ftehim jipprovdi qafas importanti biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti f’oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija li huma ta’ prijorità għat-tnejn li huma, u li dan iwassal għal benefiċċji reċiproki. L-istrument ewlieni għall-kooperazzjoni huwa l-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

L-UE għandha relazzjoni ferm eqreb mal-Istati Uniti fil-qasam tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni milli mal-pajjiżi l-oħrajn kollha li mhumiex fl-Ewropa. Minn fost il-pajjiżi terzi li mhumiex assoċjati, s’issa l-Istati Uniti huwa biċ-ċar l-iktar pajjiż attiv fil-Programm “Orizzont 2020”. Dan jgħodd għall-ammont ta’ investiment reċiproku fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp, għall-flussi tax-xjenzati, għall-għadd ta’ attivitajiet ta’ kooperazzjoni u għall-għadd ta’ pubblikazzjonijiet u privattivi b’iktar minn awtur wieħed. Dawn ir-rabtiet fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni juru r-rabta b’saħħitha u mill-qrib tagħna mal-Istati Uniti. Jekk l-Istati Uniti u l-UE jkunu jistgħu jsibu modi kif jiżviluppaw l-isforzi konġunti tagħhom b’mod utli, ir-riżultati jwasslu għal tkabbir ekonomiku u għal iktar impjiegi, għal kwalità tal-ħajja aħjar u għal soluzzjonijiet konġunti għall-isfidi dinjin.

Fost il-ħafna kisbiet kbar li saru permezz tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija nsibu l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni ta’ Galway f’Mejju tal-2013 u t-tnedija tal-Alleanza tar-Riċerka tal-Oċean Transatlantiku. Minn dak iż-żmien ’l hawn, il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka dwar il-baħar u dwar l-Artiku qed tkompli dejjem tikber u tikseb ir-rikonoxximent internazzjonali. Id-diversi gruppi ta’ ħidma tal-Alleanza tar-Riċerka

¹ ĠU L 284, 22.10.1998, p. 37.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/756/KE (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 5).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/306/KE (ĠU L 90, 2.4.2009, p. 20).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/240/UE (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 43).

tal-Oċean Transatlantiku wasslu għal riżultati ta' kwalità għolja ferm f'diversi oqsma ta' kooperazzjoni, bħall-ħolqien ta' mapep ta' qiegħ il-baħar, is-sistemi ta' osservazzjoni, l-akkwakultura, l-għarfien dwar l-oċeani, is-saħħa tal-oċeani u l-fatturi li jikkawżaw stress għall-oċeani.

Għalhekk huwa fl-interess tal-UE li l-“Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka” jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' ħames snin.

Waqt il-laqgħa tal-Grupp Konġunt Konsultattiv bejn l-UE u l-Istati Uniti stabbilit bil-Ftehim, li saret fit-23 ta' Ottubru 2017, iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw li kien beħsiebhom jestendu l-Ftehim u qablu li jkomplu jikkooperaw bejniethom abbażi tas-suċċess li qed ikun hemm fl-allinjament tal-programmi tagħhom. Iż-żewġ Partijiet jirrikonoxxu li r-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol ewlieni fil-ħolqien tal-impjiegi u fit-tkabbir ekonomiku u li l-kooperazzjoni trans-Atlantika fil-qasam tar-riċerka ilha iktar minn seklu sservi ta' sors ewlieni għal teknoloġiji ġodda u twassal għal sejbiet xjentifiċi.

Kif ġie diskuss u miftiehem mal-kontropartijiet mill-Istati Uniti, il-kontenut tal-Ftehim estiż għandu jkun l-istess bħal dak tal-Ftehim attwali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva tikkonforma għalkollox mal-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni⁵, li fiha l-Istati Uniti huma sieħeb strateġiku tal-UE fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-istrateġija tal-UE ssemmi biċ-ċar li l-ftehimiet fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija huma strumenti importanti biex jiġu ddefiniti pjanijiet direzzjonali pluriennali għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE u biex dawn jiġu implimentati. Il-Ftehim iservi wkoll ta' mezz biex tiġi implimentata l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, li titlob li r-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jsiru iktar internazzjonali u jinfetħu iktar.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-istrateġija globali tal-UE għall-politika estera u ta' sigurtà tikkonferma li l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka hija aspett importanti tal-politika estera tal-UE u tqis li l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka hija element essenzjali għal rabtiet soċjoekonomiċi iktar b'saħħithom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Is-setgħa tal-UE li taġixxi fil-livell internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku hija bbażata fuq l-Artikolu 186 tat-TFUE. Il-bażi ġuridika proċedurali ta' din il-proposta hija l-punt (a)(v) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenzi paralleli fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku skont l-Artikolu 4(3) tat-TFUE. Għalhekk, l-azzjonijiet tal-Unjoni ma jistgħux jiġu sostitwiti b'azzjonijiet tal-Istati Membri.

⁵ *Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku (COM(2012) 497 final).*

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva ma tiffurmax parti mill-aġenda tar-REFIT.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Hemm bżonn biss ta' riżorsi umani u riżorsi amministrattivi, u dawn huma stipulati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill:

- japprova, f'isem l-Unjoni u bil-kunsens tal-Parlament Ewropew, l-estensjoni tal-“Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka” għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin (jiġifieri mill-14 ta' Ottubru 2018 sat-13 ta' Ottubru 2023);

- jawtorizza lill-President tal-Kunsill jaħtar lill-persuna jew lill-persuni li għandhom is-setgħa jgħarrfu lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa biex jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim imġedded.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 98/591/KE⁶, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie ffirmat fil-5 ta' Diċembru 1997 f'Washington DC u daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim, il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin. Suġġett għar-reviżjoni mill-Partijiet fl-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv, il-Ftehim jista' jiġi estiż, b'emendi possibbli, wara dan għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin bi ftehim komuni bil-miktub bejn il-Partijiet.
- (3) Permezz tad-Deċiżjonijiet 2004/756/KE⁷, 2009/306/KE⁸ u 2014/240/UE⁹, il-Kunsill approva l-estensjoni tal-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin kull darba. Il-Ftehim attwali jiskadi fl-14 ta' Ottubru 2018.
- (4) Il-valutazzjoni li wettqu s-servizzi tal-Kummissjoni turi li l-Ftehim jipprovdi qafas importanti biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka f'oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija ta' prijorità komuni u li dan iwassal għal benefiċċji reċiproki. Għalhekk huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Ftehim jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' ħames snin.
- (5) Iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw li kien beħsiebhom jestendu l-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin mingħajr ma jagħmlulu emendi.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/591/KE tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-konklużjoni ta' ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 284, 22.10.1998, p. 37).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/756/KE tal-4 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim li jgħedded il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 5).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/306/KE tat-30 ta' Marzu 2009 dwar l-estensjoni u l-modifikazzjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 90, 2.4.2009, p. 20).

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/240/UE tal-14 ta' April 2014 li tikkonċerna l-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 43).

(6) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-Ftehim tiġi approvata f' isem l-Unjoni Ewropea,
ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin b'dan hija approvata f' isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna jew lill-persuni li għandhom is-setgħa jgħarrfu lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka, f' isem l-Unjoni, li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa biex jiġi estiż dan il-Ftehim skont l-Artikolu 12 tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB¹⁰

L-istrateġija u l-koordinazzjoni tal-politika, b'mod partikulari tad-Direttorati Ġenerali li ġejjin: id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni, id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, id-DĠ Azzjoni Klimatika, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, id-DĠ Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Sport u Kultura, id-DĠ Enerġija, id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs, id-DĠ Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd u id-DĠ Mobilità u Trasport.

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Din l-inizjattiva se tippermetti liż-żewġ Partijiet itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess komuni.

1.4.2. *Għan/għanijiet speċifiku/speċifiċi u attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Għan speċifiku Nru

Din id-Deċiżjoni se tippermetti liż-żewġ Partijiet itejbu l-kooperazzjoni ta' bejniethom u jiżviluppaw sħubija iktar strateġika billi jżidu d-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni eżistenti u jittrattaw l-isfidi dinjin billi jippromwovu l-aċċess reċiproku għall-programmi u għall-finanzjament tagħhom.

Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

¹⁰ ABM: Activity-Based Management (immaniġġjar ibbażat fuq l-attività); ABB: Activity-Based Budgeting (ibbaġiġjar ibbażat fuq l-attività).

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Din id-Deċiżjoni se tippermetti kemm lill-Unjoni kif ukoll lill-Istati Uniti jiksbu benefiċċji reċiproki mill-progress xjentifiku u tekniku li jinkiseb permezz tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni li jkunu għaddejnin. Hija se tippermetti li jiġi skambjat għarfien speċifiku u li jiġi ttrasferit l-għarfien espert għall-benefiċċju tal-komunità xjentifika, tal-industrija u taċ-ċittadini taż-żewġ Partijiet.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Il-Kummissjoni se timmonitorja b'mod regolari l-azzjonijiet kollha li jsiru fil-kuntast ta' dan il-Ftehim, inklużi l-attivitajiet ta' kooperazzjoni. Fost l-oħrajn, din l-ewalwazzjoni se tkopri l-affarijiet li ġejjin:

(a) l-indikaturi tal-kooperazzjoni — analiżi tal-għadd ta' entitajiet tal-Istati Uniti li jipparteċipaw fi programmi ffinanzjati mill-UE u tat-tip ta' parteċipazzjoni tagħhom (pereżempju l-għadd ta' proposti, l-għadd ta' ftehimiet tal-għotja ffirmati, ir-rabtiet ta' kollaborazzjoni ewlenin, it-temi ewlenin ittrattati u r-riżultati ġenerati) u viċversa (kull meta d-dejta tkun disponibbli);

(b) l-indikaturi tal-prestazzjoni — ir-rata ta' suċċess tal-entitajiet tal-Istati Uniti li jipparteċipaw fi programmi qafas tal-UE meta mqabbla ma' dik ta' entitajiet ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE u ma' dik ta' entitajiet ta' Stati Membri jew ta' pajjiżi assoċjati ma' programm qafas għar-riċerka; analiżi tal-kwalità tal-parteeċipazzjoni (pereżempju l-għadd ta' universitajiet ikklassifikati fl-aqwa postijiet li jkunu qed jieħdu sehem fil-programm u l-għadd ta' privattivi u ta' pubblikazzjonijiet li jkunu qed jorġu mill-proġetti ta' kollaborazzjoni);

(c) il-ġbir tad-dejta dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u r-rabtiet li jmorru lil hinn mill-programmi rispettivi ta' finanzjament tar-riċerka, kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt ta' dawk l-attivitajiet, bħall-parteeċipazzjoni f'inizjattivi u fi gruppi ta' ħidma multilaterali.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

Din id-Deċiżjoni se tippermetti liż-żewġ Partijiet ikomplu jtejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess reċiproku.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni kompliet tissaħħaħ b'mod kostanti fis-snin li għaddew. L-involviment tal-UE jippermetti li jsiru attivitajiet fuq skala ikbar u b'kamp ta' applikazzjoni usa' għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha. L-estensjoni ta' dan il-Ftehim se tippermetti lill-UE jkollha aċċess iktar faċli għall-għarfien xjentifiku li jorġo mill-Istati Uniti u tiegħu sehem f'iktar attivitajiet ta' kooperazzjoni, u b'hekk se twassal għal iktar skambju tal-għarfien u tat-teknoloġiji.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Abbażi tal-esperjenza li kien hemm s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, jitqies li huwa ta' benefiċċju reċiproku li titkompla l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka mal-Istati Uniti, bħala sieħeb strateġiku tal-UE fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-estensjoni tal-Ftehim mal-Istati Uniti jitqies li hija konsistenti għalkollox mal-qafas ġenerali tal-politika għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (COM(2012) 497 final).

1.6. Durata u impatt finanzjarju

- Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**
 - Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-14 ta' Ottubru 2018 sat-13 ta' Ottubru 2023
 - Impatt finanzjarju mill-14 ta' Ottubru 2018 sat-13 ta' Ottubru 2023
- Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**
 - Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
 - segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹¹

- Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni
 - mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
 - mill-aġenziji eżekuttivi
- Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:
 - lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
 - lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
 - lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
 - lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
 - lill-korpi tal-liġi pubblika;
 - lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-**Titolu V** tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
 - *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

¹¹ Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-parteċipazzjoni tal-entitajiet mill-Istati Uniti fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u f'attivitajiet ta' kooperazzjoni oħrajn fil-kuntest tal-Ftehim se tiġi segwita b'mod regolari permezz tal-laqgħat tal-Grupp Konġunt Konsultattiv stabbilit bl-Artikolu 6(b) tal-Ftehim.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Isiru laqgħat u kuntatti bilaterali b'mod regolari u dan jippermetti li jkun hemm kondiviżjoni sistematika tal-informazzjoni u kontroll sistematiku. Ma ġew identifikati l-ebda riskji fis-sistema ta' kontroll.

2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' errur

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Meta jkun hemm bżonn jintużaw kuntratturi esterni jew jingħata kontribut finanzjarju lil partijiet terzi biex jiġi implimentat il-programm qafas, il-Kummissjoni se twettaq awditi finanzjarji, meta dan ikun xieraq, b'mod partikulari meta jkollha raġunijiet tiddubita min-natura realistika tax-xogħol imwettaq jew deskritt fir-rapporti dwar l-attività.

L-awditi finanzjarji tal-Unjoni se jsiru jew mill-persunal tagħha stess jew minn esperti fil-kontabbiltà li jkunu ġew approvati skont il-liġi tal-parti li jkun qed isirilha l-awditu. L-Unjoni għandha l-libertà tagħżel lil dawn l-esperti, filwaqt li tevita kull riskju ta' kunflitt ta' interess li tista' tkun indikatilha l-parti li jkun qed isirilha l-awditu. Barra minn hekk, hija u twettaq l-attivitajiet tar-riċerka, il-Kummissjoni se tiżgura li jiġiharsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jitwettqu verifiki effettivi u billi jkun hemm miżuri u penali proporzjonati li jservu ta' deterrent meta jiġu nnutati l-irregolaritajiet.

Sabiex jinkiseb dan il-għan, fil-kuntratti kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-programm qafas se jiġu inkorporati regoli dwar il-verifiki, il-miżuri u l-penali b'referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, għar-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 u għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

B'mod partikulari, il-kuntratti jridu jipprevedu l-affarijiet li ġejjin:

- iż-żieda ta' klawżoli speċifiċi fihom sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE huma u jitwettqu l-verifiki u l-kontrolli b'rabta max-xogħol imwettaq;

- it-twettiq ta' verifiki amministrattivi bħala parti mill-miżuri ta' kontra l-frodi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (EURATOM) Nru 1074/1999;

- l-applikazzjoni ta' penali amministrattivi għall-irregolaritajiet kollha fl-implimentazzjoni tal-kuntratti li jsiru bi ħsieb jew minħabba negliġenza, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, li huwa r-Regolament qafas, inkluż mekkaniżmu għall-ħolqien ta' lista ta' kumpaniji pprojbiti;

- il-fatt li l-ordnijiet ta' rkupru li jista' jkun hemm f'każ ta' irregolarità jew ta' frodi jridu jkunu jistgħu jiġu infurzati skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-persunal tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni) responsabbli għal dan se jwettaq, bħala miżura ta' rutina, programm ta' verifiki b'rabta mal-aspetti xjentifiċi u baġitarji tal-kooperazzjoni. L-Unità tal-Verifika Interna tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni se twettaq awditu intern u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri se twettaq spezzjonijiet fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1a – Kompetittività għat- tkabbir u għall-impjiegi	Diff./Mhux diff. ¹²	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹³	mill-pajjiżi kandidati ¹⁴	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	08.01.05	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹² Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹³ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁴ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1a	“Kompetittività għat- tkabbir u għall-impjiegi”
--	----	--

DĠ: RTD			Sena 2018 ¹⁵	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	TOTAL
• Approprijazzjonijiet operazzjonali									
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1)							
	Pagamenti	(2)							
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁶									
Numru tal-linja baġitarja	08.01.05	(3)							
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ RTD	Impenji	=1+1a +3	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298
	Pagamenti	=2+2a +3	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298

¹⁵ L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

¹⁶ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298	
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA <1a> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298	
	Pagamenti	=5+ 6	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298	

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	TOTAL
DĠ: RTD								
• Riżorsi umani								
• Nefqa amministrattiva oħra		0.0048	0.012	0.012	0.012	0.012	0.0072	0.060
TOTAL TAD-DĠ RTD	Appropriazzjonijiet	0.0048	0.012	0.012	0.012	0.012	0.0072	0.060

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0.0048	0.012	0.012	0.012	0.012	0.0072	0.060
--	---	---------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------	--------------

f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2018 ¹⁷	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.0286	0.0715	0.0715	0.0715	0.0715	0.0429	0.358
	Pagamenti	0.0286	0.0715	0.0715	0.0715	0.0715	0.0429	0.358

¹⁷ L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip ¹⁸	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁹ ...																			
- Output																			
- Output																			
- Output																			
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1																			
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																			
- Output																			
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2																			
KOST TOTALI																			

¹⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

¹⁹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan/għanijiet speċifiku/speċifiċi...”.

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2018 ²⁰	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	TOTAL
--	-------------------------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra	0.0048	0.012	0.012	0.012	0.012	0.0072	0.060
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.0048	0.012	0.012	0.012	0.012	0.0072	0.060

Barra mill-INTESTATURA 5²¹ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva							
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.024	0.060	0.060	0.060	0.060	0.036	0.298

TOTAL	0.0286	0.0715	0.0715	0.0715	0.0715	0.0429	0.358
--------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	--------------

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²⁰ L-2018 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

²¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)						
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)						
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)	0.2	0.5	0.5	0.5	0.5	0.3
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)²²						
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)						
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 yy ²³	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTAL	0.2	0.5	0.5	0.5	0.5	0.3

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Thejjiġja u ġestjoni tal-laqgħat tal-Grupp Konġunt Konsultattiv stabbilit bl-Artikolu 6(b) tal-Ftehim, kif ukoll segwitu tal-funzjonament u tal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-kalkoli jsiru b'mod proporzjonat skont id-durata tal-Ftehim.
Persunal estern	

²² AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JED = Espert Żagħżuġ fid-Delegazzjonijiet.

²³ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn apporprazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjefika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁴					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu									

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

²⁴

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.